MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 605/2008

Perit William Lewis (Id. 555777M).

Vs

Paul Falzon u/jew Paul Zammit.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu s-somma ta' (a) tlett elef, mitejn u sitta u erbghin ewro u sitta u sittin centezmu (€3,246.66) ekwivalenti ghal Lm1,393.79 flimkien ma hames mija u erbgha u tmenin ewro u erbghin centezmu (€584.40) ammont dovut bhala taxxa fuq il-valur mizjud ghal total ta' €3,831.06 (Lm1,644.67), liema ammont huwa dovut lilu minnhom jew min minnhom ghas-servizzi professjonali li l-attur ta lilhom jew min minnhom fuq inkarigu ta' Paul Falzon fis-sit li jinsab go 'MayRay', 181 Triq San Xmun, San Pawl il-Bahar, u liema ammont hu dovut skond il-fattura li ggib id-data ta' l-1 ta' Gunju

2007; u (b) wiehed u tmenin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€81.53) flimkien ma erbtax il-ewro u tmienja u sittin centezmu (€14.68) ammont dovut bhala taxxa fuq il-valur mizjud ghal total ta' €96.21 (Lm41.30), liema ammont huwa dovut lilu minn Paul Falzon u Paul Zammit jew min minnhom ghal spejjes u servizzi professjonali li l-attur ta lilhom jew min minnhom fuq inkarigu ta' Paul Falzon in konnessjoni ma l-applikazzjoni lill-MEPA rigward l-istess sit fuq imsemmi u dana skond il-fattura li ggib id-data ta' l-1 ta' Gunju 2007. Bl-imghax sad-data ta' l-effettiv pagament fuq l-ammont totali dovut minn Paul Falzon u Paul Zammit jew min minnhom, ta' tlett elef, disa mija, seba u ghoxrin ewro u seba u ghoxrin centezmu (€3,927.27), (Lm1,685.98), alavolja Paul Falzon ammetta ma l-attur diversi drabi li s-somom fuq imsemmija huma dovuti minnu lill-attur, huwa baqa inadempjenti. Bil-konvenuti mharkin ghas-subizzjoni. Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-konvenut Paul Zammit li eccepixxa illi s-somma mitluba mhijiex dovuta minnu izda minn Paul Falzon ghan-nom ta' Tlata Operations Limited u dana kif juri konvenju bejn l-istess Paul Zammit u Paul Falzon ghan-nom ta' Tlata Operations Limited. Salv eccezzjonijiet ohra. Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-konvenut Paul Falzon li ecepixxa illi jichad l-pretensjonijiet tal-attur stante li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u jekk hemm xi hlas ta' servizzi professjonali dovut lil-attur dan huwa dovut mill-klijent tieghu Paul Zammit.

Ra r-rikors tal-attur tal-4 ta' Frar 2009, fejn talab illi jigi awtorizzat sabiex jirriduci t-talba tieghu minn €3927.27 ghal tlett elef, erba mija, erba u disghin ewro (€3,494.00) inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT).

Ra d-Digriet tieghu tad-9 ta' Frar 2009, fejn laqgha t-talba tal-attur sabiex jigi jirriduci t-talba tieghu.

Sema x-xhieda tal-attur.

Sema x-xhieda tal-konvenut Paul Falzon.

Ra l-affidavit tal-konvenut Paul Zammit.

Ra d-dokumenti kollha li gew ipprezentati.

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukat difensur tal-attur.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal ghandu s-segwenti konsiderazzjonijiet x'jaghmel.

Fl-ewwel lok, l-attur kien car u preciz fix-xhieda tieghu meta spjega ezattament kif kien tqabbad sabiex jaghti s-servizzi professjonali tieghu fir-rigward tas-sit bl-indirizz 181, Triq San Xmun gewwa San Pawl il-Bahar. Huwa fil-fatt kien tqabbad mill-konvenut Paul Zammit sabiex japplika ghal permess biex iwaqqa u jerga jibni l-post mill-gdid. Ghal dan is-servizz kien hallas kollox il-konvenut Paul Zammit.

Gara pero li meta beda x-xoghol ta' kostruzzjoni, l-attur kien gie mgharraf minn Paul Zammit li minn issa 'l quddiem kien ser jidhol il-konvenut Paul Falzon bhala l-persuna responsabbli, tant hu hekk li l-attur fehem li Paul Falzon kien ser jidhol minnflok Paul Zammit sabiex jiehu hsieb ix-xogholijiet kollha in kwistjoni. L-attur spjega li kien jiltaqa ma Paul Falzon fuq is-sit ta' kostruzzjoni u kien jaf li din kienet il-persuna li ha hsieb it-twaqqieh tal-post. Kien ukoll Paul Falzon li kien qieghed jikkoordina x-xogholijiet kollha li kienu qedin isiru minn haddiema ohra.

Waqt ix-xoghol ta' kostruzzjoni kollu l-attur spjega li kien jikkomunika ma Paul Falzon, tant hu hekk illi meta l-attur hareg il-kontijiet tieghu, dawn kienu jigu indirizzati lill-Paul Falzon li kien sahansitra jhallas dawn l-istess kontijiet.

Kien biss meta hareg l-ahhar ftit kontijiet tieghu li Paul Falzon ma hallasx l-attur. Madankollu huwa dejjem

ammetta ma l-attur li kien bi hsiebu jhallas il-kontijiet izda kellu bzonn ftit zmien sabiex jaghmel tali hlas. Sussegwentement imbaghad Paul Falzon biddel il-versjoni tieghu u beda jghid li kellu jiccekkja ma Paul Zammit jekk tali ammonti kienu dovuti jew le, u li kellu l-ewwel jigbor xi flus minghand Paul Zammit sabiex ikun f'pozizzjoni li jhallas.

Meta mbaghad l-attur deherlu li ma kienx bi hsieb jistenna izjed huwa kiteb ittra tramite l-avukat tieghu lill-Paul Falzon u dan irrisponda f'daqqa wahda li ma kienx responsabbli ghall-hlas. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

L-attur spjega wkoll li fil-mori tal-kawza Paul Zammit kien ghamel hlas ta' €1,700 akkont ta' l-ammont mitlub permezz tal-kawza odjerna, u dana bla pregudizzju ghad-drittijiet tieghu fil-konfront ta' Paul Falzon. L-arrangament kien li l-attur kellu jhallas lura dan l-ammont jekk jigi deciz f'din il-kawza stess li Paul Zammit m'ghandu x'jaqsam xejn mal-hlasijiet dovuti lill-attur.

Fl-ahharnett l-attur spjega wkoll li kien konxju tal-fatt li z-zewg konvenuti kellhom negozju ghaddej bejniethom, specjalment fir-rigward tas-sit in kwistjoni, izda ma kienx jaf x'kienu d-dettalji ta' dan in-negozju jew ta' l-arrangamenti bejniethom.

Illi minn-naha tieghu l-konvenut Paul Zammit spjega li huwa kien inkariga lill-attur sabiex japplikalu ghal permess biex iwaqqa proprjeta' li kienet tieghu. Huwa hallas lill-attur ghal dan is-servizz professjonali. Zammit spjega fuq fuq x'tip ta' ftehim jew negozju kellu mal-konvenut l-iehor Paul Falzon u kif spiccaw it-tnejn li huma l-Qorti minhabba d-disgwid li nqala bejniethom. Skond Zammit huwa m'ghandu jhallas xejn lill-attur peress li kien Falzon li gie inkarigat sabiex jiehu hsieb ix-xogholijiet u peress li Falzon kien il-kuntrattur. Huwa zied jghid ukoll li ma kellu jhallas xejn peress li l-ftehim li kellu ma Falzon kien wiehed ta' tpartit ta' xoghol bi proprjeta'.

Illi mbaghad il-konvenut l-iehor Paul Falzon, fix-xhieda moghtija minnu wkoll pprova jaghti spjegazzjoni tan-

negozju li kien ghaddej bejnu u bejn il-konvenut Paul Zammit. Hu spejga li ma kienx inkariga lill-attur sabiex jahdimlu u ghalhekk ma kellu jhallsu xejn, u li se mai kellu jhallas Paul Zammit. Skond hu, kienu nqalghu xi problemi fin-negozju bejnu u bejn il-konvenut l-iehor, u li dawn il-problemi wasslu sabiex dawn jispiccaw il-Qorti.

Illi tenut dan kollu in konsiderazzjoni, t-Tribunal fl-ewwel lok jidhirlu li hafna mix-xhieda moghtija mill-konvenut Falzon hija ghal kollox irrilevanti. Huwa ghamel enfasi shieha dwar in-negozju li kien ghaddej bejn iz-zewg konvenuti, izda hawnhekk m'humiex qedin jigu decizi l-kwistjonijiet u t-tilwimiet ta' bejn iz-zewg konvenuti.

It-Tribunal jiskanta kif il-konvenut Paul Falzon jista' b'xi mod jiddikjara li ma kienx imdahhal fil-kwistjoni u li mhuwiex il-legittimu kontradittur tenut kont tal-provi li rrizultaw f'din il-kawza. Huwa car li kien qed jiehu hsieb ix-xoghol kollu, u li kien sahansitra qieghed ihallas il-kontijiet tal-attur.

Illi oltre dan, dak li ecepixxa l-konvenut Paul Zammit huwa ghal kollox insostenibbli. Ma jirrizulta assolutament xejn u ma gietx prodotta l-icken prova ta' dak li qieghed jallega Zammit. Ghalhekk, l-eccezzjoni tal-konvenut Paul Zammit bl-ebda mod ma tista' tigi milqugha.

Illi jirrizulta car mill-provi, li bejniethom iz-zewg konvenuti kellhom tip ta' negozju ghaddej li huwa tipiku ta' zewg kuntratturi, u cioe, negozju ta' tpartit ta' bini b'xoghol ta' kostruzzjoni. L-attur pero kien estraneju ghal kollox ghal dak li kien ghaddej bejn il-konvenuti. Li hu zgur huwa li l-attur m'ghandux ibaghti l-konsegwenzi tat-tahwid, dizgwid u nuqqas ta' ftehim li kien hemm bejn iz-zewg konvenuti. Dan se mai ghandu jigi rizolt quddiem Qorti ohra, kif donnu qieghed isir.

Li hu cert huwa li l-attur ghamel xogholu, u li ta dan huwa jrid jithallas. L-ebda wiehed mill-konvenuti ma kkontesta l-ammont mitlub mill-attur, u l-ebda wiehed minnhom ma lmenta fuq ix-xoghol li ghamel u s-servizzi li ppresta l-attur. Alavolja kien il-konvenut Paul Zammit li qabbad lill-

attur sabiex jippresta s-servizzi tieghu, sussegwentement ma l-andament tal-process ta' twaqqih u bini, kien dahal Paul Falzon minnflok Paul Zammit. It-tnejn li huma ghamlu xi hlasijiet lill-attur.

Huwa ovvju li Falzon waqaf ihallas il-kontijiet ta' l-attur meta beda l-inkwiet bejnu u Zammit. F'dan l-istadju l-attur spicca jisfen fin-nofs. Ir-ragunijiet moghtija miz-zewg konvenuti ghalfejn m'ghandhomx ikunu responsabbli ghall-hlas huma ghal kollox frivoli u bla bazi. Huwa car li Paul Falzon dahal fl-istorja minnflok Paul Zammit u b'hekk huwa rrenda ruhhu responsabbli ghall-kontijiet tal-attur, izda dana ma jfissirx li Paul Zammit hareg mill-istorja u m'ghandu l-ebda responsabbilta' fil-konfront ta' l-attur. Dan jirrizulta ampjament car meta fil-mori tal-kawza ghazel li jaghmel hlas akkont ta' l-ammont dovut lill-attur – u b'hekk ghandu jigi kkunsidrat li ammetta t-talba ta' l-attur kif dedotta kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijet tal-konvenut Paul Zammit u tal-konvenut Paul Falzon, u jilqa t-talba attrici billi jikkundanna l-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu l-attur is-somma kif ridotta mill-attur stess, ta' tlett elef, erba mija, erba u disghin ewro (€3,494.00), flimkien ma l-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti in solidum bejniethom.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------